MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1164/2002/1

**Ivan Cassar**

**Vs**

**Loredana Carabott d' Amato**

**It-Tribunal**

Wara li ra l-avviz tat-talba ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' (Lm170) mija u sebghin lira Maltin rappresentanti danni sofferti mill-attur f' incident awtobilistiku li gara fl- 14 ta' Marzu, 2002 fi Triq Sant Anard Tarxien, liema inident gie kkagunat minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti ta' traffiku da parti tal-konvenuta li kienet qed isuq il-vettura b' numru ta' registrazzjoni AAJ 223.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 12 ta' April, 2002 u l-ittra ufficjali giet prezentata kontestwalment ma dan l-avviz. Bl-imghax.

Ra r-risposta fejn il-konvenuta eceppiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament tort tal-attur, li naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku billi ttanta sorpass fejn kien hemm line abjad kontinwu, kif ukoll billi qabez fillar ta’ vetturi li kienet waqfet proprju biex tippermetti lill-esonenti tohrog, u dana kollu kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi a prima vista, il-kollizzjoni in ezami tidher wahda facile di soluzione. L-attur ghaddej fil-main road u l-konvenuta tohrog minn side road. Pero' kif gie stabbilit b’giurisprudenza kostanti – kien main road abuse – x’kien il-kawza prossimattiva tal-incident.

Inoltre jigi rilevat li l-oneru tal-prova tan-nuqqas jew tort tal-konvenuta jespletta lill-attur li qed jallega responsabbilta' fil-konfront taghha.

Bil-mutur tieghu, l-attur qed jissorpassa vettura kbira fuq ix-xellug tieghu pero' fl-istess karreggjata. Din l-vettura waqfet biex thalli lil konvenuta tohrog ghal fuq il-lemin fil-karreggjata opposta. Il-konvenuta qasmet l-ewwel karreggjata, waqfet biex tesplora t-traffiku mix-xellug. Kif rat it-triq vojta biex tohrog qalghet u kien f’dak il-mument li l-mutur u l-vettura habtu. Huwa kontestat min dahal f’min.

X’setghet taghmel aktar milli ghamlet? Il-manuvra tas-sorpass ma kenitx wahda konsiljabbli f’dak l-ambjent ta’ T-Junction, hija espresament projbita bl-Art 181 et seq tal-Highway Code. Il-fatt li kien qed isuq mutur ma jikkoncedi l-ebda privilegg specjali fuq vetturi ohra. Anzi huwa x-xufier taghha li ghandhu jaghti aktar attenzjoni. Huwa lampanti li l-attur ma kienx qed izomm ‘a proper look out’ ta’ dak li kien qed jigri quddiemu.

F’dan is-sens, isir riferenza ghal decizjonijiet fi “Fogg Ins. Ltd. vs Kevin Schembri” Raymond Azzopardi u Denise Buhagiar” (dec. 30/07/01) u Cecil Ellul vs Joseph Muscat (App. Sup. 6/10/99) l-Onorabbli Qorti tal-Appell stabilit tlett (3) principji:

1. Tersaq b’attenzjoni kbira lejn l-inkrocju
2. Meta ma jkunx hemm traffiku ghaddej
3. Inching out jew tieqaf ghal kollox biex tesplora, tistenna t-traffiku jghaddi u dan it-Tribunal izid, jieqaf biex ihalli tohrog. Hrug b’tali mod u manjiera li jaghti cans lit-traffiku ghaddej biex iwaqqaf. Dan kollu gie kommess mill-konvenuta. L-attur naqas li jipprova li l-konvenuta bis-sewqan taghha ikkagunat u/jew b’xi mod iehor ikkontribwiet ghas-sinistru.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------